TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T 229/14/MS**

**Raymond Portelli**

**vs**

**International Trading Company Ltd.**

Illum 16 ta' Marzu 2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Raymond Portelli .

Ra illi minkejja li s-socjeta' konvenuta kienet notifikata u kontumaci, it-Tribunal sema dak illi kellha xi tghid ir-rapprezentant tal-kumpanija.

Sema l-provi bil-gurament, ra l-atti processwali.

**Ikkunsidra:**

Illi jirrizulta illi fl-1 ta' Novembru 2012, ir-rikorrent xtara fridge/freezer tal-marka AEG ghal prezz ta' €335.00 b'sentejn garanzija. Wara xi sena, ir-rikorrent induna illi fuq in-naha ta' wara tal-fridge zvillupaw xi xquq. Irraporta lis-socjeta' konvenuta u fl-10 ta' Dicembru 2013, baghtet tekniku sabiex jezamina dawn ix-xquq. Ghal xi raguni, t-tekniku kkonkluda illi dawna gew ikkawzati ghaliex intuza '*agressive cleaning agents*' ghat-tindif tal-fridge. Peress illi skond is-socjeta' konvenuta r-rikorrent kien klijent tajjeb, dawn accettaw illi jbiddlu l-*fridge* u tawh wahda gdida. Ir-rikorrent accetta, ha konsejna tal-fridge il-gdida, pero wara xi erba' xhur, regghu tfaccaw l-istess tipi ta' xquq fl-istess post. Din id-darba is-socjeta' konvenuta rrifjutat illi tiehu konjizzjoni ta' dan l-ilment, ghax insistiet illi dawn l-ixquq gew ikkawzati b'tindif aggressivi da parti tar-rikorrent.

Illi Ir-rikorrent innega li qatt uza xi tindif aggressiv fuq dan il-fridge u li huwa kien klijent regolari u insista illi dina kienet l-ewwel darba illi xtara xi haga minghand is-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent esebixxa zewg ritratti Dok RP2 u RP3, fejn jidhru l-ixquq in kwistjoni. Din il-hsara mhijiex kontestata da parte tas-socjeta' konvenuta, izda qieghda tatribwiha direttament ghal xi operat da parti tar-rikorrent. Dan bl-ebda mod ma rrizulta.

Illi min jallega irid jipprova. Ir-rikorrent ipprova fuq bazi ta' probabbilita illi din il-fridge zvilluppatilha hsara indipendentement minn xi haga li seta' ghamel hu. Mentri s-socjeta' konvenuta ma gabet l-ebda prova biex tissustanza l-allegazzjoni taghha illi *aggressive cleaning agents* jistghu jaqsmu l-plastic li jikkomponu in-naha ta' wara tal-*fridge* u mkien iktar.

Illi l-email datata 22 ta' Jannar 2015 (Dok MC) m'ghandu l-ebda valur probatorju peress illi din m'ghandhiex provenjenza li tista' tigi kontrollata u min qieghed jiddikjara dak il-paragrafu *highlighted*, mhuwiex maghruf. Ghalhekk jibqa' l-fatt illi r-rikorrent xtara oggett bi flus tajba illi wara ftit zmien, zvillupat hsarat dejjem fl-istess post u minghajr xi fattur kontributorju da parti tieghu. Evidentement dan it-tip ta' *fridge* u affett minn difett latenti illi jaghmlu mhux tajjeb ghall-uzu li ghalih kien intenzjonat.

**Ghal dawn il-motivi**

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jilqa' it-talba tar-rikorrenti, jikkundanna lis-socjeta' intimata tirrifondi s-somma ta' tlett mija u hamsa u tletin Euro (335.00), prevja d-dritt tal-istess socjeta' intimata li tiehu lura il-fridge koncernat.

Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' konvenuta.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**